# *Il-Konfraternità tas-Sagrament f'San Ġiljan*

## *Talba għat-Twaqqif, Statut, l-Ewwel Membri u l-Professjoni Tagħhom*

***Niki Papagiorcopulo***
*B.A. (Hons) Theology (Melit.)*

Waqt li kont qed inqalleb fl-Arkivju San Ġiljan (ASĠ), arkivju mibdi mill-mibki Dun Anton Sciberras, ġie f'idejja manuskritt ta' 22 paġna ta' kitba mirquma bil-linka u li jġib is-siġill tal-Kurja Veskovili ta' Malta. Dan il-manuskritt, hekk kif hemm indikat fuq l-ewwel faċċata tiegħu, huwa estratt mill-oriġinal li jinsab ikkonservat fil-Kanċillerija tal-Kurja Arċiveskovili ta' Malta u jinkludi t-talba li saret minn Dun Ġużepp Xerri, l-Ewwel Kappillan ta' San Ġiljan għall-approvazzjoni ta' statut li permezz tiegħu kellha titwaqqaf Konfraternità tas-Santissimu Sagrament f'San Ġiljan. Ħsibt għalhekk li naqsam il-kontenut ta' dan id-dokument storiku mal-qarreja ta' din il-pubblikazzjoni 'Lapsi', filwaqt li nħares ukoll lejn applikazzjonijiet ta' sħubija li sibt ikkonservati fl-istess arkivju, kif ukoll ir-rit tal-professjoni tal-fratelli li nsibu f'dokument ieħor stampat bit-titlu '*Rituale per la Professione dei Fratelli della Ven. Confraternita del Santissimo Sacramento canonicamente eretta nell Ven. Parro. Chiesa di San Giuliano Ospitatore per decreto dato dalla Curia Arcivescovile di Malta li 9 Luglio 1895*'.


Extractum ex suo Originali
existente in Magna Curia
Epali Melitensi
A Sua Eccellenza Revma Mons.
Arcivescovo e Vescovo di Malta
Eccellenza Revma
Il Sac. Giuseppe Xerri, Parroco di
S. Giuliano, desideroso di accrescere sem-
pre più il culto a Gesù Sacramentato, pre-
ga Sua Eccelza Revma a voler degnar-
si di approvare lo Statuto della Sodalità
che intende erigere nella Parrocchiale Chie-
sa di S. Giuliano e dichiarare detta So-
dalità canonicamente eretta
E della Grazia
S. Giuliano 9 Aprile 1895
Presentato dal Sac. Giuliano con
statuti oggi 9 Aprile 1895
N. M. Curia referat.
Datum die 9 Aprilis 1895
+ P. Arch. Epus Melitens
(Statuto)

*It-talba biex titwaqqaf Konfraternità tas-Santissimu Sagrament f'San Ġiljan (9 t'April 1895).*

### It-Talba

Fuq l-ewwel faċċata ta' dan il-manuskritt wieħed jista' josserva t-talba li saret mill-Kappillan Xerri lill-Isqof ta' Malta Mons. Pietru Pace. Xerri, imqanqal kif kien sabiex ikompli jkabbar u jferrex il-kult lejn is-Santissimu Sagrament fil-parroċċa li

kienet twaqqfet mill-istess Arċisqof Pace biss erba' snin qabel, talab lill-Ordinarju sabiex jikkonsidra li japprova l-istatut tas-sodalità li kellu l-intenzjoni sabiex iwaqqaf fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan u sabiex jiddikjara l-istess sodalità bħala mwaqqfa kanonikament.

Din it-talba saret nhar id-9 ta' April 1895 u ġiet ippreżentata dakinhar stess mis-'Saċerdot Ġiljan', li nistgħu nassumu li kien Dun Ġiljan Zammit, l-ewwel saċerdot tal-Parroċċa Ġiljaniża, li kien qed jassisti lil Xerri, avvanzat kif dan kien fiż-żmien.

**L-Istatut**

L-istatut, li ntbagħat għall-approvazzjoni tal-isqof djoċesan huwa mqassam f'għaxar paragrafi li ser narawhom flimkien fid-detall tul dan l-artiklu. Kull paragrafu jinkludi wkoll diversi klawsoli.

**L-Ewwel Paragrafu – L-Iskop tas-Sodalità**

L-ewwel paragrafu jistitwixxi soċjetà devota bit-titlu ta' 'Sodalità tas-Santissimu Sagrament' fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan, bl-iskop ewlieni li din tkattar u tkabbar id-devozzjoni u l-kult lejn Ġesù fis-Sagrament Imqaddes, u li tissokkorri u tagħti l-konfort reliġjuż neċessarju lil kull membru ta' din il-konfraternità, kemm irġiel u kemm nisa, li kienu jsibu ruħhom f'agunija, sabiex dawn setgħu jagħmlu mewta tajba, sabiex jiġi assigurat il-ferħ etern tagħhom, u fl-aħħar u mhux lanqas sabiex jassigura li seta' jsir talb b'suffraġju għal ruħhom wara mewthom.

**It-Tieni Paragrafu – Il-Benefiċċji Spiritwali tal-Membri**

It-tieni paragrafu jagħtina lista ta' benefiċċji spiritwali li kellhom jgawdu minnhom l-imsieħba ta' din is-sodalità jew konfraternità. Dawn kienu s-segwenti:

(1) Kull tielet Ħadd tax-xahar, fuq l-altar maġġur, kellha tiġi ċċelebrata quddiesa bit-tqarbin tal-membri, għall-membri kollha ħajjin u mejtin.
(2) Din il-quddiesa kellha tkun applikabbli speċjalment għal dawk il-membri li kellhom jidħlu f'agunija f'wieħed mill-ġranet segwenti tax-xahar partikulari.
(3) Kull min ħa sehem f'din il-quddiesa u sab ruħu f'agunija jew moribond seta' hu/hi jew il-familjari tiegħu/tagħha jibgħat javża lill-parroċċa biex jitlob li tiġi ċċelebrata l-quddiesa '*Pro Infirmo Proximo Morti*' għall-bżonnijiet spiritwali tal-istess moribond.
(4) Jekk għal ċirkustanzi imprevisti ma kienx hemm il-ħin sabiex titqaddes din il-quddiesa, din kellha titqaddes wara l-mewt tal-membru għal ruħu/ruħha.
(5) Wara l-mewt ta' kull membru tas-sodalità, jekk il-katavru kellu jiġi ttrasportat fil-knisja parrokkjali, l-istess konfraternità kellha tħallas l-ispejjez tal-akkumpanjament (bl-eċċezzjoni tal-ħlasijiet li kellhom isiru lejn dawk li kienu jittrasportaw il-katavru) u ta' quddiesa kantata bl-orgni u l-vuċijiet.
(6) Jekk il-katavru ma kienx ser jinġieb fil-knisja, il-quddiesa kellha tiġi ċċelebrata fis-sitt ġurnata wara l-mewt jew id-difna.
(7) F'ġurnata oħra magħżula mill-kappillan jiġi ċċelebrat funeral ieħor b'suffraġju għal ruħ il-membru li kellha tikkonsisti f'quddiesa letta bit-tqarbin u reċita tar-rużarju mqaddes.
(8) Ma' dawn kellhom jitqaddsu żewġ quddisiet oħra fi żmien xahar b'suffraġju għal ruħ

il-membru mejjet.
(9) Kull sena f'ġurnata *'Infra Octavam Defunctorum'* (fl-ottava mill-mewt tal-membru tas-sodalità) jiġi ċċelebrat funeral solenni b'quddiesa kantata u lejliet il-membri kollha tal-konfraternità kellhom jgħidu ħmistax-il posta tar-rużarju mqaddes għall-membri kollha mejtin.
(10) Fil-każ li l-familjari ta' membru mejjet tas-sodalità kienet tiddeċiedi li tittrasporta l-katavru lejn il-knisja parrokkjali għall-funeral, il-membri tas-sodalità kellhom jiġu avżati biex jakkumpanjaw *'con sacco e mozzetta'*, jiġifieri bil-kunfratija u l-muzzetta ħamra, mid-dar sal-knisja.
(11) Jekk is-sodalità kellu jkollha numru sabiħ ta' membri, kellhom jinxtraw numru ta' kompartamenti għad-dfin ġewwa ċ-Ċimiterju tal-Addolorata, sabiex il-membri setgħu jkollhom difna xierqa.

**It-Tielet Paragrafu – Dħul ta' Membri fil-Konfraternità**
Dan il-paragrafu jinkludi seba' artikli oħra fuq id-dħul fis-sodalità. L-ewwel artiklu jispeċifika li biex wieħed jissieħeb kellu jkellem lill-kappillan li kellu s-setgħa kollha li jaċċetta jew le li jsieħeb persuni bħala membri tas-sodalità. Dawk li kienu aċċettati sabiex jissieħbu fis-sodalità kellhom jissejħu 'sodali' u kellhom igawdu mill-preċetti u l-benefiċċji kollha. Dawn kellhom jingħataw nota ffirmata mill-prokuratur tas-sodalità, li kellha tinkludi wkoll is-somma tal-offerta li jkunu taw lill-knisja l-persuni konċernati dakinhar tad-dħul tagħhom, liema offerta kellha tammonta għal mill-anqas żewġ xelini. Biex is-sodalità ssostni l-ispejjez tal-kult, ta' quddies, ta' agunija u ta' funerali, il-membri kellhom jikkontribwixxu permezz ta' offerta ta' żewġ xelini fis-sena. Min ma riedx li jkollu fuq moħħu li kull sena jrid iħallas din il-miżata seta' jħallas is-somma ta' lira Sterlina u għaxar ċenteżmi f'daqqa għal darba f'ħajtu jew inkella f'pagamenti ta' kull xahar sa żmien sena mid-dħul tagħhom fis-sodalità.

Membru li kien għażel jew għażlet li jħallas/tħallas is-somma ta' żewġ xelini kull sena u li jkun wasal fi tmiem ħajtu bla ma jkun ta donazzjoni kumplessiva ta' lira Sterlina u għaxar ċenteżmi, u fejn il-familja ma kenitx f'pożizzjoni li tħallas id-differenza f'donazzjoni lejn is-sodalità biex tilħaq is-somma kumplessiva ta' lira Sterlina u għaxar ċenteżmi, dan/din ma jkollomx id-dritt għall-vantaġġi msemmijin qabel, ħlief għal quddiesa bit-tqarbin u rużarju. In-nota tal-ammissjoni, iffirmata mill-prokuratur tas-sodalità kellha tiġi ppreżentata lill-prokuratur *pro tempore* meta kellhom jiġu organizzati l-funerali u l-quddies *de requiem.*

**Ir-Raba' Paragrafu – Drittijiet u Doveri tal-Kappillan**
Ir-raba' sezzjoni ta' dan l-istatut telenka d-drittijiet u d-doveri tal-kappillan *pro tempore* li kellu jkun bi dritt ir-rettur tas-Sodalità tas-Santissimu Sagrament. Fost id-drittijiet li kellu l-kappillan kellu vot doppju f'kull votazzjoni, kif ukoll kif diġa rajna, dak li jsieħeb lil min deherlu li kien jistħoqqlu jkun membru tas-sodalità. Il-vestizzjoni u l-professjoni tal-membri kellha ssir mill-kappillan, li kellu d-dritt li jeleġġi l-prokuratur tas-sodalità mid-disa' membri eletti. Il-kappillan kellu jippresjedi s-seduti kollha tas-sodalità u għaldaqstant kull laqgħa li setgħet issir mingħajr il-preżenza tal-kappillan jew tad-delegat tiegħu ma

kinitx valida. Il-kappillan kellu d-dritt li jsejjaħ il-laqgħat u li jiffissa d-data, ħin u post fejn dawn kellhom isiru. Madankollu l-kappillan kellu l-obbligu li jsejjaħ laqgħa jekk ikollu talba ta' għalmenu tlieta mid-disa' membri eletti. Il-kappillan kellu wkoll id-dritt li jitlob kumpens mill-prokuratur tal-konfraternità u minn kwalunkwe membru. Fl-aħħar kellu ukoll id-dritt li bħalma jdaħħal membri ġodda, jkeċċi membru mis-sodalità jekk dan tal-aħħar, bl-azzjonijiet tiegħu, seta' tefa dell ikrah fuq is-sodalità. Għal dan il-għan iżda, kellu bżonn il-kunsens ta' aktar minn nofs id-disa' membri eletti, liema kunsens kellu jingħata f'seduta regolari tas-sodalità.

**Il-Hames Paragrafu – Drittijiet u Doveri tal-Membri**
Dan il-paragrafu jelenka disa' drittijiet u doveri tal-membri tas-sodalità:

(1) Il-membri kellhom id-dritt li jeleġġu disa' membri biex dawn jirrappreżentawhom fis-seduti tas-sodalità.



(2) Il-membri kellu jkollhom preċedenza fuq dawk ta' kull sodalità jew konfraternità li setgħet titwaqqaf fil-parroċċa l-ġdida. B'hekk ġie asserit il-primat ta' din is-sodalità.
(3) Il-membri kellu jkollhom id-dritt li fil-purċissjonijiet bis-Santissimu Sagrament, jerfgħu l-baldakkin u l-lanterni, minbarra l-istandard proprju tagħhom li seta' jinħareġ f'kull purċissjoni.
(4) Minħabba li l-kappillan bħala rettur kellu d-dritt għall-*'ombrellone'* jew kif insejħulha bil-Malti 'umbrellina' (użata waqt purċissjonijiet bis-Santissimu Sagrament bħala alternattiva għall-baldakkin), iżda seta' kien ikun impenjat minħabba funzjonijiet oħra tiegħu, l-umbrellina kellha tinġarr mill-viċi-rettur tal-konfraternità jew membru magħżul mill-kappillan.
(5) Il-membri kellhom jakkumpanjaw kull purċissjoni organizzata mill-parroċċa.
(6) Il-membri kellhom jagħmlu mill-aħjar biex jassistu għall-quddiesa ta' kull tielet Hadd tax-xahar u għal dawk li kellhom isiru mal-mewt ta' kull membru tal-konfraternità.
(7) L-ispejjeż marbuta mal-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù – *Corpus Domini*, kif ukoll dawk marbuta mas-sepulkru (jew kif inhu magħruf illum – l-altar tar-repożizzjoni) kellhom jinġarru mis-sodalità. Għaldaqstant il-membri kellhom jagħtu kura speċjali lill-artal tas-Santissimu Sagrament, billi jżejnuh bl-aħjar mod li jistgħu fil-festa ta' *Corpus Domini*, kif ukoll lil dak l-artal li fih isir is-sepulkru.

(8) Il-membri kellhom jassistu għall-quddiesa tal-funeral ta' kull membru tas-sodalità, u jekk possibbli jitqarbnu fl-istess quddiesa.
(9) Il-membri rġiel kellhom jakkumpanjaw il-katavru ta' kull membru mejjet li jiġi ttrasportat fil-knisja għall-funeral. Fil-każ li dawn jassentaw ruħhom mingħajr raġuni valida kellhom jiġu mmultati tliet soldi.
(10) Il-membri kellhom jieħdu sehem fil-funeral li kellu jsir *'Infra Octavam Defunctorum'* u f'każ ta' assenza mingħajr raġuni valida kellhom jiġu mmultati sitt soldi.

**Is-Sitt Paragrafu – L-Elezzjoni**

Dan il-paragrafu jikkonċerna l-elezzjoni tad-disa' membri msemmija aktar 'il fuq. Dawn il-membri, li kellhom jirrappreżentaw lill-membri kollha fis-seduti tas-sodalità, kellhom jiġu eletti kull sentejn minn fost il-membri kollha, bl-eċċezzjoni ta' dawk li ma kinux leħqu l-età ta' sittax-il sena, li lanqas setgħu jivvutaw. L-elezzjoni, apparti dik li kellha ssir xahrejn wara t-twaqqif kanoniku tas-sodalità, kellha ssir fit-tieni Ħadd wara l-Ottava ta' *Corpus Domini*.

L-elezzjoni, fid-data ffissata mill-kappillan, kellha ssir fil-knisja parrokkjali fejn kellhom jinġabru l-membri biex jagħtu l-vot tagħhom f'idejn il-kappillan. Ma kellux ikollhom vuċi/sehem attiv jew passiv il-membri li ma kinux parruċċani ta' San Ġiljan u dawk li avolja mill-parroċċa ma kellhomx kunfratija u muzzetta tagħhom.

Il-kappillan jew id-delegat tiegħu, fil-ħin stabbilit minnu għall-votazzjoni, kellu jintasab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali fejn kellu jirċievi l-vot sigriet ta' kull membru. Dawk li ma kinux jafu jiktbu kellhom jindikaw il-persuna li għaliha xtaqu jivvutaw lill-kappillan, li wara li jkun kiteb l-isem indikat fuq il-karta tal-votazzjoni, kellu jixhetha ġol-urna apposta mal-voti l-oħra. Kull membru seta' jivvota għal persuna waħda biss. Fi tmiem il-votazzjoni, id-disa' membri li kienu ġabu l-akbar ammont ta' voti kellhom jiġu kkonsidrati bħala membri eletti tas-sodalità.

Wara li l-kappillan jagħżel il-prokuratur mid-disa' membri eletti, it-tmienja l-oħra kellhom jaqsmu dawn il-karigi fil-mod li ġej: Dan li ġab l-akbar ammont ta' voti kellu jkun il-viċi-rettur, u dak li segwa l-assistent viċi-rettur. Dak li ġie t-tielet kellu jkun is-segretarju, ir-raba' l-avviżatur u l-aħħar erba' l-konsulturi. Jekk għal xi raġuni mhux mistennija wieħed mill-membri eletti ma jaċċettax il-kariga assenjata lilu, din kellha tingħata lil dak il-membru li jkun ġab l-aktar ammont ta' voti wara d-disa' eletti. Jekk il-kappillan kien tal-fehma li l-karigi setgħu jitqassmu aħjar bejn il-membri eletti dan kellu d-dritt li jqassamhom kif jidhirlu hu, basta jġib l-approvazzjoni tal-maġġoranza tad-disa' membri eletti fl-ewwel seduta wara l-elezzjoni.

Il-membri eletti l-ewwel darba mill-membri tas-sodalità flimkien mal-kappillan, fl-ewwel seduta, kellhom jaħtru daqstant (disa') membri onorarji *ad vitam* u dawn kellu jkollhom id-dritta jew preċedenza fuq l-membri l-oħra ħlief ir-rettur, il-viċi-rettur u s-segretarju. Dawn kienu eżenti minn kwalunke pagamenti u kellhom jgawdu mill-vantaġġi spiritwali bħall-membri kollha. Dawn il-membri onorarji kellhom jkunu mhux tant parruċċani

imma benefatturi tal-parroċċa. Fl-ewwel seduta li kellha ssir wara l-mewt ta' wieħed minn dawn il-membri onorarji, il-membri *'ex officio pro tempore'* kellhom jaħtru membru onorarju ieħor biex dan jimla l-post vakant.

**Is-Seba' Paragrafu – Il-Prokuratur**

Is-seba' paragrafu tal-istatut jagħtina d-dettalji fuq ir-rwol tal-prokuratur tas-sodalità. Meta magħżul mill-kappillan mid-disa' membri eletti, il-prokuratur kellu jagħmel ir-rikors neċessarju fil-Kurja Veskovili sabiex dan jiġi rikonuxxut mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi. Meta dan ikun kiseb ir-rikonoxxenza mill-istess Awtoritajiet Ekkleżjastiċi dan kellu jżomm tliet reġistri: wieħed sabiex fih iniżżel l-ismijiet tal-membri u l-ammont li ħallsu għas-sħubiija (f'wieħed mill-modi msemmija aktar 'il fuq), ieħor għad-dħul u ieħor għall-ispejjez (ħruġ).

Il-prokuratur ma' setax jonfoq aktar minn lira Sterlina mingħajr il-kunsens tal-membri eletti l-oħra mogħtija f'seduta regolari. Kull sena, fis-seduta li kellha tinżamm fl-ewwel Ħadd wara l-ottava ta' *Corpus Domini*, il-prokuratur kellu jagħti kont tal-amministrazzjoni tiegħu lill-membri eletti.

Il-prokuratur kellu d-dmir speċjali li jipprovdi xemgħa għall kull membru waqt il-purċissjonijiet, kif ukoll li jorganizza ġbir għall-festa ta' *Corpus Domini* u għas-sepulkru. Kellu wkoll id-dmir li jorganizza l-armar tal-artal il-maġġur għall-istess festa u tas-sepulkru nhar Ħamis ix-Xirka.

Wara sentejn mill-ħatra tiegħu u meta tkun saret l-elezzjoni ġenerali, il-prokuratur kellu jgħaddi r-reġistri, kotba u kull ħaġa relatata mas-sodalità lill-prokuratur il-ġdid fi żmien ħmistax-il ġurnata wara li tkun saret ir-registrazzjoni u l-irċevuta fil-Kurja, kif kienet il-prattika tad-Djoċesi.

**It-Tmien Paragrafu – Il-Viċi-Rettur, l-Assistent Viċi-Rettur u s-Segretarju**

Fit-tmien paragrafu ta' dan l-istatut jiġu definiti r-rwoli tal-viċi rettur, l-assistent viċi-rettur u s-segretarju. Infakkar li r-rettur tas-sodalità kien il-kappillan, u għaldaqstant il-bżonn ta' assistent viċi-rettur li seta' jissosstitwixxi lill-viċi-rettur f'każ ta' bżonn.


*Il-medaljun tal-viċi-rettur tal-konfraternità.*

Il-viċi-rettur kellu jingħata l-preċedenza, jew id-dritta f'kull purċissjoni u kellu d-dritt li jilbes il-medaljun tal-konfraternità. Iżda kellu wkoll id-dmir li jgħasses fuq l-imġiba tal-membri tas-sodalità u li jinforma lill-Kappillan f'każ li xi membru ma jġibx ruħu b'mod dekoruż, biex dan seta' jikkoreġġi lill-istess membru, jew jekk ikun il-każ, dan jiġi mkeċċi.

L-assistent tal-viċi-rettur kellu hu wkoll id-dritta u għaldaqstant fin-nuqqas tal-viċi-rettur, seta' jissostitwih u jilbes ukoll il-medaljun tas-sodalità.

Is-segretarju kellu l-obbligu li jiddokumenta d-deliberazzjonijiet tal-membri fis-seduti u għaldaqstant kellu jżomm reġistru.

Dawn it-tliet uffiċċjali kellhom iħallsu minn buthom għall-quddiesa kantata ta' *Corpus Domini* bl-orgni u l-vuċijiet u l-paniġierku li kien isir fl-okkażjoni tal-istess festa tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes tal-Mulej.

Ħadd mill-membri l-oħra tas-sodalità, ħlief il-membri onorarji, ma kellu d-dritt tal-anzjanità fuq membri oħra u kellhom jakkumpanjaw fil-purċissjonijiet hekk kif indikat fl-aħħar paragrafu tal-istatut.

**Id-Disa' Paragrafu – L-'Avviżatur'**
Id-disa' paragrafu ta' dan l-istatut jitkellem dwar ir-rwol tal-'avviżatur'. Dan kellu l-obbligu li javża l-membri tas-sodalità fuq kull funzjoni straordinarja u sabiex jakkumpanjaw il-katavru ta' kull membru li jkun għadda għall-ħajja ta' dejjem. L-avviżatur kellu wkoll l-obbligu li jinkariga bl-aħjar mod li seta' l-membri tas-sodalità sabiex jġorru l-baldakkin u l-apparat waqt il-purċissjonijiet. Fl-aħħar kellu wkoll l-obbligu li jidderieġi l-membri tas-sodalità waqt il-purċissjonijiet u jorganizzahom f'ordni skont l-anzjanità.

**L-Għaxar Paragrafu – L-Anzjanità fost il-Membri**
Dan il-paragrafu jirregola kif kellha tiġi determinata l-anzjanità. Paragrafu A jgħid li għal dawk il-membri li kienu nkitbu fis-sodalità fl-ewwel xaharejn mit-twaqqif tagħha u li f'dak iż-żmien akkwistaw/ħadmu konfratija u muzzetta, l-anzjanità kellha tiġi ddeterminata bl-età. Paragrafu B imbagħad jgħid li għal dawk il-membri li jinktibu wara l-ewwel xahrejn mit-twaqqif tas-sodalità, l-anzjanità kellha tiġi ddeterminata hekk: l-ewwel kellhom jiġu dawk li malli jiħdlu membri tas-sodalità kienu fil-pussess ta' kunfratija u muzzetta u t-tieni dawk li kienu jakkwistawhom aktar tard (u mhux meta jinkitbu). Dawn tal-aħħar, jekk kienu akbar minn sittax-il sena kellu jkollhom preċedenza biss fuq dawk il-membri li ma kinux għalqu s-sittax-il sena. Dawk li kellhom jinkitbu qabel ma għalqu s-sittax-il sena kellu jkollhom id-dritt għall-anzjanità biss meta jkunu akkwistaw kunfratija u muzzetta.

**L-Approvazzjoni tal-Kurja Veskovili**
L-approvazzjoni tal-Kurja Veskovili għat-twaqqif tas-Sodalità tas-Santissimu Sagrament u l-istatut tal-istess sodalità ngħata nhar l-ewwel ta' Ġunju 1895 mill-Kanonku Kantur Ġużeppi Mercieca, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi.

Ir-risposta tal-Kurja tal-Isqof għat-talba tal-Kappillan Xerri nsibuha fuq l-aħħar erba' faċċati tad-dokument. Din tgħid li bl-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tal-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Pietru Pace, bid-digriet tad-9 ta' April u b'risposta għat-talba tal-Kappillan ta' San Ġiljan Dun Ġużepp Xerri, il-Vigarju Ġenerali eżamina l-istatuti ppreżentati li kienu jinkludu r-regolamenti (mqassma f'għaxar paragrafi) għall-Konfraternità tas-Santissimu

Sagrament li kienet qed tiġi proposta li titwaqqaf fl-istess lokalità ta' San Ġiljan. Il-Vigarju, li ħa kont tal-ġid spiritwali tal-membri u t-tkattir tal-kult lejn is-Santissimu Sagrament, kien tal-parir umli li l-Isqof seta' jawtorizza t-twaqqif kanoniku tal-istess Konfraternità tas-Santissimu Sagrament, u li japprova l-istess statuti bil-kundizzjoni li jsiru l-modifiki ndikati:


Illmo Devmo Servitore
J. Dr Fr Sav. Borg Olivier Ass.
Confraternitatem, de qua in precibus,
auctoritate Nostra Ordinaria erigimus, et
statuta approbamus et confirmamus
ad normam relatorum a Nostra M.
Curia, reservata Nobis, Nostrisque
successoribus facultate ipsa statu-
ta moderandi ac penitus tollen
di


di.
Datum die prima Junii 1895
J. Fr. Can. Caut. Muscat Vic. et
Commiss. Genlis.
Concordat cum originali
Datum die 9 Julii 1895
Sac. Aloisius Camilleri
ProCancellarius

*L-approvazzjoni tal-Kurja tal-Isqof għat-twaqqif kanoniku tal-konfraternità.*

(1) Il-prokuratur magħżul mill-kappillan mid-disa' membri eletti ma setax jieħu pussess jew jeżerċita l-poter tal-uffiċċju tiegħu qabel ma jġib id-digriet tal-Ordinajru (l-Isqof) bil-konferma tan-nomina tiegħu.

(2) Paragrafu (3) kellu jiġi rivedut kif ġej: Il-prokuratur, meta l-ispejjez straordinarji kienu jaqbżu lira Sterlina, kellu l-ewwel jfittex il-kunsens tall-membri eletti l-oħra f'seduta regolari. Jekk is-somma kienet taqbeż lira Sterlina, il-prokuratur kellu jġib il-kunsens tal-Ordinarju.

(3) L-artiklu (6) tal-istess paragrafu kellu jinbidel hekk kif ġej: Wara li jkun skadielu t-terminu ta' sentejn mill-elezzjoni ġenerali, il-prokuratur, kellu fi żmien ħmistax-il ġurnata jrodd lura r-reġistri, kotba u kull proprjetà tal-konfraternità u jagħti rendikont eżatt u fidil tal-amministrazzjoni tiegħu lid-delegazzjoni tal-kontijiet biex dawn jiġu eżaminati.

Jagħlaq billi jistqarr 'Dan huwa li għandi l-unur li nissottometti lis-Sinjurija Tiegħek Illustrissima u Reverendissima u li niddikjara filwaqt li nbuslek ċ-ċurkett (siġill) pastorali tiegħek'.

Isegwi kopja tat-test tad-digriet tat-twaqqif tal-Konfraternità:

'Lill-illustrissimu Reverendissimu Qaddej Dr Fr(ancesco) Sav(erio) Borg Olivier, Assessur tal-Konfraternità li qed twassal it-talba, bl-awtorità Ordinarja Tagħna nwaqqfuha, u napprovaw l-istatuti tagħha, nikkonfermawhom skont in-normi preskritti fil-Kurja tagħna M(altija), u nirriservaw għalina u għas-suċċessuri tagħna l-fakultà li jirregolaw kif ukoll li jissopprimu skont ma jidhirilhom xieraq. Mogħti fl-ewwel jum ta' Ġunju 1895'.

Il-firma ġġib l-isem tal-Kanonku Kantur Ġużeppi Mercieca, Vigarju Ġenerali u sostitut tal-Isqof (*locum tenens*). Taħt dan l-isem insibu wkoll konferma li t-test jaqbel mal-oriġinali ffirmata minn Dun Alwiġ M. Camilleri, Pro-kanċillier li ġġib id-data tad-9 ta' Lulju 1895. Ħdejn din il-firma nsibu s-siġill/timbru tal-Kurja Veskovili ta' Malta bl-immaġini ta' San Pawl Nawfragu, Patrun ta' Malta. Kull paġna ta' dan il-manuskritt iġġib is-siġill tal-Kurja Veskovili.

**Membri tas-Sodalità tas-Santissimu Sagrament**

Fl-Arkivju San Ġiljan fil-Knisja Parrokkjali l-Antika, wieħed ukoll jista' jsib ġabra ta' wħud mid-dokumenti tas-sħubija ta' membri ġodda fis-Sodalità tas-Santissimu Sagrament f'San Ġiljan. Dawn kienu dokumenti sfużi li nġabru flimkien ftit snin ilu, iżda li żgur mhumiex ġabra sħiħa ta' dokumenti ta' sħubija ta' membri. Madankollu jagħtuna stampa tal-ewwel membri tas-sodalità kif ukoll tal-istorja tagħha (għalkemm mhux kompluta). Dawn iġibu d-data tas-sħubija u dik tal-professjoni tal-konfratelli, kif ukoll isem missier il-membri, l-età, u dettalji tal-ħlasijiet li saru (data u ammont) għas-sħubija, liema ħlasijiet kellhom jammontaw għall-miżata totali ta' lira Sterlina u għaxar ċenteżmi, kif għedna aktar 'il fuq. Dawn id-dokumenti, li jeħduna mill-1895 sal-1992 (aktar minn mitt sena), fihom informazzjoni li jeħtieġ studju ieħor dettaljat u li ma nistgħux nittrattaw b'mod kumplessiv f'dan l-artiklu. Madankollu ser nagħtu dettalji ġenerali tat-tieqa li dawn jifthulna fuq l-istorja tal-Konfraternità tas-Santissimu Sagrament f'San Ġiljan.


Lib. primo Fol. 6

SODALITA' DEL SS. SAGRAMENTO
CANONICAMENTE ERETTA NELLA CHIESA PARROCCHIALE
DI
S. GIULIANO OSPITATORE

[illegible] figlio di [illegible]
di anni 21 e' stato ascritto alla detta Sodalita' il di
4 Giugno 1895 e fece la solenne Professione il di
13 Giugno 1895

Procuratore.

| Data | Pago | £ | s. | d. |
|---|---|---|---|---|
| 4 Giugno 1895 | acconto della giubilazione | " | 2 | " |
| 21 Luglio " | " | " | 3 | " |
| 21 Agosto " | " | " | 3 | " |
| 1 Ottobre " | " | " | 2 | " |
| 19 Febbrajo 1896 | " | " | 10 | " |
| 4 Giugno " | " | | | |
| | | £ 1 | 10 | 0 |

*Formula tas-sħubija tal-membri.*

F'din il-ġabra ta' dokumenti jeżistu tliet verżjonijiet tal-istess formula. L-ewwel waħda iġġib ix-xbieha tas-Santissimu Sagrament ġewwa sfera b'żewġ anġli adoranti u hija bil-lingwa Taljana. L-ewwel sett ta' formuli jidher li kien mitbugħ fl-istamperija ta' *'N. Calleja & Sons, Tipografi – Sliema'*. Dawn għandhom sezzjoni għall-firma tal-prokuratur. It-tieni verzjoni, li bdiet tiġi wżata fl-1924 hija simili. L-unika bidla hija fix-xbieha fil-parti ta' fuq, fit-tipa u l-fatt li fuqhom ma nsibux indikat isem l-istampatur. It-tielet verżjoni li bdiet tiġi wżata fl-1943, hija wkoll simili fl-istil, imma hija bil-Malti u b'tipa differenti.

Mill-ewwel dokumenti ninnutaw li l-ewwel membri nkitbu fil-konfraternità mmedjatament fl-ewwel jiem ta' Ġunju 1895. Dawn kienu Carlo Cini, li minn din il-kollezzjoni ta' dokumenti jidher li kien wieħed mill-ewwel membri, jekk mhux l-ewwel membru li nkiteb fis-sodalità, Giuseppa Borg, Salvatore Briffa, Carmelo Mallia (ta' ħmistax-il sena), Grazio Mallia, Giuliano Manicolo, Antonio Mifsud, Carmelo Attard, Maria Attard, Carmela Micallef, Nicola Agius u Paolo Sant. Kollha (ħlief tlieta) għamlu l-professjoni tagħhom fil-konfraternità fit-13 ta' Ġunju tal-istess sena – 1895. Din kienet allura l-ewwel ċerimonja ta' professjoni ta' konfratelli.

Il-formuli ta' dawk li nktibu fil-konfraternità sa Ottubru tal-istess sena huma ffirmati kollha kemm huma mis-Saċerdot Ġiljan Zammit li kien jiffirma 'għall-prokuratur' jew bħala 'aġent prokuratur'. Dan huwa xiehda tal-ħidma li wettaq Dun Ġiljan fl-aħħar snin tal-parrokat ta' Xerri, li kien tant avvanzat fi żmien li ħalla f'idejn dan is-saċerdot żgħażugħ it-twettiq tax-xewqat tiegħu. Iżda mill-1 ta' Novembru tal-istess sena (f'formula ta' sħubija ta' Caterina Sammut) beda jiffirma Giuliano Manicolo bħala prokuratur tas-sodalità. Dan jurina li l-elezzjoni tad-disa' membri kienet saret sa xahrejn wara t-twaqqif kanoniku tal-konfraternità, hekk kif kien hemm stipulat fl-istatut. Madankollu jidher li Manicolo m'għamilx it-terminu sħiħ ta' sentejn għaliex f'Ġunju tal-1896 nerġgħu nsibu lil Dun Ġiljan Zammit jiffirma bħala 'aġent prokuratur'. Dan baqa' għaddej sal-1898 u allura kien il-Kappillan Ġiljan Zammit li kien qed jiffirma għaliex Xerri miet f'Ġunju tal-1897 u kien l-istess Zammit li ħadlu postu, l-ewwel bħal Vigarju Kurat, imbagħad bħal it-tieni Kappillan ta' San Ġiljan.

Sal-1908 kien leħaq bħal Prokuratur tal-Konfraternità Michele Grech li nsibuh jiffirma dawn il-formuli ta' sħubija sa Ġunju tas-sena ta' wara. Mill-1911 sal-1937 jidher jiffirma għall-prokuratur il-Kappillan Amabile Bonanno, li mexxa l-Parroċċa ta' San Ġiljan għal 34 sena. Ma' mewtu fl-14 ta' Novembru 1942, inħatar bħala Vigarju Kurat l-Kanonku Frank Calleja Gera li għamel żmien Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta. Dan jidher jiffirma minflok il-prokuratur għas-sħubija ta' żewġ membri – Maria Borg u Giovanna Mamo (22 ta' Diċembru 1942). Sena wara jidher li ħa r-rwol ta' prokuratur iben Michele Grech, Giuliano Grech li jidher jiffirma bħala prokuratur sal-1977, tul ta' 34 sena. Giuliano Grech kien missier Mikiel Grech (magħruf bħala Kelinu) li għal żmien twil kien sagristan tal-Knisja ta' Lapsi. L-aħħar formula ta' sħubija ġġib il-firma ta' John Debono bħala prokuratur. Il-formuli aktar riċenti jġibu nota li tgħid li f'konsulta tal-14 ta' Lulju 1960 li saret dwar id-dfin fl-oqbra tal-fratellanza ġew deċizi dawn il-kundizzjonijiet: Trid tgħaddi sena mill-jum tal-professjoni, ma jkollomx mard kuntaġġjuż, ma jkollhomx tebut biż-żingu, ma jkollomx dritt li jiġu ttrasportati qabel ma jitnaddaf il-qabar, jiġu midfuna f'dawn l-oqbra biss jekk ikun hemm post.

Dawn il-formuli jagħtuna ħafna aktar informazzjoni u jimmeritaw studju aktar iddettaljat. Nittamaw li nkomplu nisiltu minn din l-informazzjoni f'edizzjonijiet futuri ta' din il-pubblikazzjoni. Hija ħasra kbira li r-reġistri miżmuma mill-prokuraturi (speċjalment Giuliano Grech) b'tant għożża u preċiżjoni ntilfu. Dawn kienu dokumenti prezzjużi għall-istorja ta' din il-konfraternità u huwa ta' għajb għal min kien responsabbli li dawn id-dokumenti ntilfu għal dejjem bi traskuraġni kbira.

**Ir-Rit tal-Professjoni tal-Fratelli fil-Konfraternità tas-Santissimu Sagrament**

Kif semmejt aktar kmieni, dokument ieħor li sibt fl-Arkivju San Ġiljan huwa wieħed stampat bit-titlu '*Rituale per la Professione dei Fratelli della Ven. Confraternita del Santissimo Sacramento canonicamente eretta nell Ven. Parro. Chiesa di San Giuliano Ospitatore per decreto dato dalla Curia Arcivescovile di Malta li 9 Luglio 1895*'. Ninnutaw li fit-titlu hemm żball fid-data ndikata għaliex is-sodalità fil-fatt twaqqfet kanonikament fl-1 ta' Ġunju u mhux fid-9 ta' Lulju. Id-data tad-9 ta' Lulju hija marbuta mal-kopja vera tal-istatut. Dan huwa konfermat mill-applikazzjonijiet li juru li l-ewwel professjoni solenni saret fit-13 ta' Ġunju 1895.



*Membri tal-konfraternità jieħdu sehem fit-translazzjoni solenni bir-relikwa ta' San Ġiljan lejliet il-festa 2016.*

Dan il-ktejjeb mitbugħ minn 'Peresso Press', jiġbor fih ir-rit sħiħ tal-professjoni tal-membri fis-sodalità. Huwa dokument ħafna aktar riċenti mill-manuskritt bl-istatut tal-fratellanza. Iżda jagħtina stampa ċara tar-ritwal tal-ammissjoni tal-membri fi ħdan il-konfraternità. It-test jinkludi tliet lingwi: il-Latin, it-Taljan u l-Malti. Il-parti tat-test li tiddeskrivi l-azzjonijiet liturġiċi li kellhom isiru miċ-ċelebrant u l-konfratelli hija bit-Taljan, il-formuli li kellhom jingħadu miċ-ċelebrant huma bil-Latin, filwaqt li l-formuli li kellhom jingħadu mill-konfratelli l-ġodda huma bil-Malti.

Fil-bidu tar-rit l-għalliem tan-novizzi kellu jressaq il-professanti lejn l-altar fejn kellhom joqogħdu għarkupptejhom. Iċ-ċelebrant, bilqiegħda fuq is-sedja, imbagħad kellu jistaqsi lill-għalliem/parrinu tagħhom bil-Malti: 'Ibni x'inti titlob?'. Dan kellu jirrispondi: 'Il-ħniena ta' Alla u tiegħek, Patri (Missier)'. Wara dan iċ-ċelebrant kellu jfiehem il-professanti t-toqol tal-wegħda li kellhom jagħmlu quddiem Alla fil-professjoni tagħhom bħala konfratelli ta' din il-konfraternità u kellu jinkuraġġihom sabiex jħarsu mill-aħjar ir-regoli tagħha u sabiex jobdu lis-superjuri tagħhom.

Wara din l-eżortazzjoni, iċ-ċelebrant kellu jistaqsi lill-professanti jekk kellhomx l-intenzjoni li jħarsu l-obbligi u d-doveri li kienet timponi l-konfraternità fuq il-membri tagħha. Mal-'iva' tal-professanti, iċ-ċelebrant kellu jqum bilwieqfa u jdur lejn l-altar u jgħid 'Dak li beda din l-opra tajba fik iwassalha għat-tmiem'. Wara, waqt li jilbes l-istola, iċ-ċelebrant kellu jdur lejn il-professanti u jmexxihom fl-invokazzjonijiet li ġejjin: 'V: L-għajnuna tagħna

f'isem il-Mulej/R: Li ħalaq is-sema u l-art. V: Ikun imfaħħar isem il-Mulej/R: Minn issa u għal dejjem. V: O Alla isma' talbi/R: L-għajta tiegħi tasal għandek. V: Il-paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom/R: U miegħek ukoll'.

Wara ċ-ċelebrant kellu jgħid din it-talba fuq l-ilbies li kellhom ixiddu l-professanti l-ġodda: 'Mulej Ġesù Kristu, li lqajt in-natura umana għas-saħħa tagħna l-bnedmin, int kien jixraqlek tilbes il-libsa tal-ġisem, bil-barka qaddisa tiegħek bierek dawn l-ilbiesi, li bihom permezz tal-grazzja tiegħek teħles lil dawn qrabatek li se jilbsuhom fuqhom stess, kattar fihom, nitolbuk, il-barka tiegħek, sabiex bħalma l-ewwel libsu dawn l-ilbiesi l-imqaddsa dejjem Verġni Marija u San Ġiljan, jidħlu għalihom u tinżel fuqhom il-grazzja tiegħek, sabiex iħarsuhom minn kull ħażin tal-moħħ u tal-ġisem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem'.

Wara din it-talba ċ-ċelebrant kellu jbierek l-indumenti bl-ilma mbierek filwaqt li jlibbes l-konfratell il-ġdid u jgħidlu: 'l-Mulej ilibbsek bil-bniedem il-ġdid, li ġie maħluq skont ir-rieda ta' Alla fil-ġustizzja (fis-sewwa) u l-verità'. Imbagħad kellu jnewwillu ċ-ċinġlu u jgħidlu: 'Il-Mulej jaħżmek bis-sewwa sabiex iżżomm safi f'kull ordni tiegħu', filwaqt li meta jnewwillu l-muzzetta kellu jfakkar lill-professant li dak il-mantell kien simbolu tal-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu u jeżortah sabiex iservi lil Alla fis-sempliċità u l-karità. Imbagħad kellu jlibbsu l-iskapular abjad, simbolu tal-indafa u tas-safa, fuq rasu u jagħtih il-kuruna tar-rużarju filwaqt li jgħidlu: 'Ilqa' f'idejk is-sinjal tat-talb, sabiex bħall-kontempattivi, waqt li tikkontempla l-ferħ tad-dinja, ikollok il-ħajja ta' dejjem permezz tal-penitenza'. Imbagħad iċ-ċelebrant kien jaqbad f'idu xemgħa tixgħel u jitlob: 'Mulej Ġesù Kristu li ddawwal il-bnedmin kollha li jiġu f'din id-dinja, dawwal il-moħħ ta' dawn qrabatek, sabiex jagħrfu lilek Alla Veru, id-dawl, u mixgħulin bl-imħabba dejjem jgħożżuk. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.' U filwaqt li jnewwel ix-xemgħa lill-membru novizz jgħidlu: 'Ilqa' x-xemgħa f'idejk, ibni l-għażiż, bħala sinjal tad-dawl divin, u tal-fjamma tal-imħabba'. Għal kull invokazzjoni l-professant kellu jirrispondi 'Amen'.

Ir-rit kien ikompli billi ċ-ċelebrant joqgħod għarkupptejh flimkien mal-konfratelli kollha u jintona l-'*Veni Creator Spiritus*'. Dan l-innu huwa nvokazzjoni tal-Ispirtu s-Santu u jintuża fil-liturġija ta' Pentecoste, u diversi okkażjonijiet, fosthom fl-okkażjoni tal-ingress tal-Kardinali f'konċistorju biex jeleġġu Papa ġdid, fil-konsagrazzjoni ta' Isqof, l-ordinazzjoni ta' Presbiteri, fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof, iċ-ċelebrazzjoni ta' Sinodi jew Konċilji u fil-professjoni ta' membri reliġjużi fost oħrajn.

Wara ċ-ċelebrant kien jgħid l-invokazzjonijiet li ġejjin, li għalihom il-professanti kienu jirrispondu: 'V. Xerred l-Ispirtu Hallieq tiegħek/ R. U ġedded il-wiċċ tal-art. V. Salva l-qaddejja tiegħek Mulej/R. Mulej tiegħi, jien nittama fik. V. Mulej isma' t-talba tiegħi/R. L-għajta tiegħi tasal għandek. V. Il-Mulej magħkom/R. U mal-ispirtu tiegħek'. Mat-tmiem iċ-ċelebrant kien imexxi l-professanti f'din it-talba: 'Ħa tkun magħna, nitolbuk Mulej, il-qawwa tal-Ispritu s-Santu, li jnaddaf bil-ħlewwa l-qlub tagħna, u jgħinna nagħrfu dak kollu li hu kontra tagħna. Kun Mulej mat-talb tagħna, u fit-tjieba tiegħek bierek lil dawn qrabatek, ħalli jixirqilhom jiksbu lilek u l-ħajja eterna bil-bosta. Bi Kristu Sidna.'




*Skrizzjoni fuq tila li kienet saret biex tfakkar il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-konfraternità.*

Issegwi l-formula tal-professjoni li kellha tingħad mill-membri l-ġodda. Il-professi, wieħed wieħed kellhom joqogħdu għarkupptejhom quddiem iċ-ċelebrant bilqiegħda fuq is-sedja u bil-lingwa Maltija kellhom jgħidu ċar kif ġej: 'Ad unur u glorja t'Alla li jista' kollox, tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, tal-Beatissima Verġni Marija, ta' San Ġiljan Ospitalier, u ta' San Tumas t'Aquino fundatur u Protettur tagħna, aħna l-professi l-ġodda, hawn quddiemek Missier Spiritwali tal-Konfraternità tas-Santissimu Sagrament, nipprofessaw u nwegħdu li nkunu obbedjenti lejn is-Superjuri tagħna fil-Kumpanija, li noqogħdu għar-regolamenti kollha tagħha, u li nibqgħu servi fidili tas-Santissimu Sagrament sal-mewt'.

Iċ-ċelebrant kellu jirrispondi '*Deo Gratias*' u wara jintona l-innu ta' ringrazzjament '*Te Deum Laudamus*'.

Il-professjoni kienet tiġi fi tmiemha bil-barka tal-aħħar: 'V. Inbierku lil Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu/R. Ha nfaħħruh u ngħolluh għal dejjem. V. Ikun Imfaħħar isem il-Mulej/R. Minn issa u għal dejjem'. L-aħħar talba miċ-ċelebrant kienet tirringrazzja lil Alla, li l-ħniena tiegħu hi bla tarf, u li t-tjieba infinita tiegħu m'għandhiex prezz, għall-kobor tiegħu bla tmiem, u għall-kotra tal-grazzji li jibgħatilna. Kienet titlob ukoll lil Alla sabiex jaqla l-grazzji mitluba minn dawn miġbura u sabiex ma jċċaħħadhomx mill-premju li kien ħejja għalihom.